

# Programm ta' Sapport u Pjanar għall-Familji Anzjani tal-Commonwealth Respite & Carelink Centre / CarerLinks North

Il-programm ta' Sapport u Pjanar għall-Familji Anzjani jaħdem mall-ġenitru/dawk li jduru b'xi ħadd u li jkollhom 'l fuq minn 65 sena li jduru f' darhom b' persuna b' diżabbiltà għal għomorha (kuranti ta' ATSI – ta' 45 sena jew fuqhom)

## The Commonwealth Respite & Carelink Centre / CarerLinks North huwa:

- Ippatroċinat minn Merri Community Health Services (qabel Moreland Community Health Services)
- Ilu jopera fir-Reġjun Metropolitan tat-Tramuntana sa mill-1997 u huwa bażat fi Preston
- Jkopri sebat inħawi tal-gvern lokali: Banyule, Darebin, Moreland, Nillumbik, Whittlesea, Yarra u Hume

## Il-Programm ta' Sapport u Pjanar għall-Familji Anzjani

Huwa finanzjat mill-Gvernijiet Statali u Federali. Il-programm jimmira:

- Li jkun punt ta' aċċess ċentrali għall-informazzjoni , is- sapport u l-mistrieħ għall-familji anzjani
- Li jqajjem kuxjenza fil-komunità dwar il-ħtiġijiet ta' kuranti anzjani u l-persuna li jkunu jduru biha
- Li jidentifika s-sapport meħtieg għall-kuranti anzjani u li jppromwovi modi kif jiżvilupphom fil-komunità

## Sevizzi disponibbli għal dawk li jduru b'xi ħadd

### 1. Tim ta' Informazzjoni u Rispons

Is-servizzi offruti mit-tim tal-Informazzjoni u r-Rispons jinkludu:

- Informazzjoni dwar l-għażliet ta'mistrieħ għal dawk li jduru b'xi ħadd inkluż il-mistrieħ ta' emerġenza.
- Assessjar bit-telefon bażat fuq il-ħtieġa identifikata ta' min idur b'xi ħadd
- Finanzjar flessibli biex jinxtraw servizzi ta' mistrieħ u oħrajn relevanti
- Sapport emozzjonali għal dawk li jduru b'xi ħadd
- Kordinament tar-riferimenti għas-servizzi relevanti

### 2. Il-Ħaddiema ta' Sapport għal Dawk li Jduru b' xi Ħadd

Il-ħaddiema ta' sapport għal dawk li jduru b' xi ħadd jistgħu:

- Jgħinu lil dawk li jduru b' xi ħadd biex ikollhom aċċess għas-Servizzi ta' mistrieħ u rikreazzjoni
- Jipprovdu sapport emozzjonali individwali
- Jipprovdi aċċess ta' 24 siegħa kuljum għall-mistrieħ ta' emerġenza
- Iqabbdu lil dawk li jduru b' xi ħadd mas-servizzi xierqa
- Jaħdmu ma dawk li jduru b' xi ħadd biex jippjanaw il-ħtiġijiet għal żmien qasir kif ukoll għal żmien fit-tul

Merri Community Health Services

Pubblikat f' Awwissu, 2010
Għal iktar tagħrif jew jekk tinħtieġ xi appuntament, ikkuntattja lill-Merri Community Health Services illum

www.mchs.org.au

## Il-proċess tar-riferiment

Jekk jogħġbok ikkuntattja lit-tim tal-Informazzjoni u r-Rispons bit telefon jew l-email

Il-Provdituri tas-Servizzi huma meħtieġa li jimlew formola SCTT inkluża il-'Parti B' tal-formola ta' riferiment għal min Idur b'xi Ħadd

## Kif tikkuntattja il-Commonwealth Respite and Carelink Centre/CarerLinks North

Tista' tikkuntattja s-servizz bit-telefon, bil-fax jew bl-email:

Telefon: 1800 052 222 jew (03) 9495 2500

Fax (03) 9495 2599

Wara l-Ħin tax-xogħol: 1800 052 222

Email: clnintakeworkers@mchs.org.au

Websajt: www.mchs.org.au

## Ħinijiet tax-xogħol:

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mid-9.00am sal-5.00pm

Hemm ukoll disponibbli servizz ta' rispons wara l-ħinijiet tax-xogħol.

Merri Community Health Services

Pubblikat f' Awwissu, 2010

Għal iktar tagħrif jew jekk tinħtieġ xi appuntament, ikkuntattja lill-Merri Community Health Services illum

www.mchs.org.au